

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/1252

tat-28 ta' Lulju 2016

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/72 u (UE) 2015/2072 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 <sup>(1)</sup> jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Ċerti trasferimenti jew skambji tal-kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) jiġu miftiehma fil-bidu tas-sena kalendarja. Għaldaqstant huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet legali rilevanti li jirregolaw it-trasferimenti u l-iskambji ta' kwoti taħt ir-Regolament (UE) 2016/72 jibqgħu applikabbli fil-bidu tal-2017.
- (3) Billi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/72 dwar il-projbizzjonijiet ta' sajd ta' speċijiet vulnerabbli jew sajd f'perijodi li għandhom ikunu magħluqin għas-sajd jenħtieġ li jiġu applikati fuq bażi kontinwata, u sabiex tiġi evitata inċertezza legali matul il-perijodu bejn tmiem l-2016 u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017, huwa xieraq li jiġi previst li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-projbizzjonijiet u l-istaġuni magħluqa jkomplu japplikaw fil-bidu tal-2017, sad-dħul fis-seħħ tar-regolament li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017.
- (4) Abbażi tal-pariri xjentifiċi dwar l-istokkijiet tal-aringa fiż-żoni VIa(N) u VIa(S), VIIb u VIIc tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), jistgħu jiġu stabbiliti Qabdiet Totali Permissibbli sabiex tkun tista' tinġabar data li tiddependi fuq is-sajd fiż-żewġ żoni ta' ġestjoni. Dan itejjeb il-pariri xjentifiċi futuri dwar dawk l-istokkijiet.
- (5) Skont il-parir xjentifiku mill-ICES, jenħtieġ li jitnaqqsu l-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*). Wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, jixraq li jiġu mmodifikati l-limiti għall-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana f'ICES IIIa u fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinar ta' 62° N.
- (6) Il-parir xjentifiku tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) joffri appoġġ għal kwota kummerċjali addizzjonali żgħira sabiex tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-bastimenti tas-sajd fi programm xjentifiku dwar il-lingwata komuni fid-diviżjoni VIIa tal-ICES, li jitwettaq taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Dik il-kwota addizzjonali jenħtieġ li tingħata biss għat-tul tal-programm xjentifiku u tkun mingħajr preġudizzju għall-istabbiltà relattiva.
- (7) Skont il-parir xjentifiku tal-ICES, jenħtieġ li jitnaqqsu l-qabdiet tal-laċċa kaħla fil-Baħar tat-Tramuntana. L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu stabbiliti filwaqt li jitqies il-fatt li tnaqqis sinifikanti għal għarrieda matul sena partikolari fil-limiti tal-qbid jipperikola s-sostenibbiltà soċjali u ekonomika tal-flotot involuti, filwaqt li fl-istess ħin ikun hemm konformità mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd. Għaldaqstant huwa xieraq li t-tabella korrispondenti tal-opportunitajiet tas-sajd tiġi modifikata. L-ammonti allokat għall-qabdiet tal-laċċa l-kaħla fl-2016 jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal dik l-ispeċi.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

- (8) L-ICES jipprovi parir xjentifiku għall-ispeċi *squalus acanthias* u l-kodiċi ta' rappurtar huwa bbażat ukoll fuq l-isem Latin tagħha. Madankollu, l-isem komuni użat f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi fir-Regolament (UE) 2016/72 ma jikkorrispondix mal-isem Latin tal-ispeċi. Għaldaqstant, l-isem komuni jenħtieġ li jiġi kkoreġut fejn neċessarju.
- (9) L-opportunitajiet tas-sajd attwali għall-mazzola griża (*squalus acanthias*) huma stabbiliti għal 0 tunnellati. L-STEFC evalwa proġett biex jiddaħħal l-evitar f'ħin reali tal-qbid tal-mazzola griża (*squalus acanthias*). Fl-evalwazzjoni tiegħu, l-STEFC identifika l-potenzjal għall-proġett li jippromwovi l-evitar tal-qabdiet aċċessorji tal-mazzola griża (*squalus acanthias*). Il-bastimenti li jipparteċipaw fil-proġett jenħtieġ li jitħallew iħottu l-art kwantitajiet limitati ta' mazzola griża (*squalus acanthias*) li jew jkunu mejtin jew inkella li ma jgħixux anki jekk jinħelsu immedjatament. Bħala miżura ta' prekawżjoni biex ikun żgurat li ma jkunx hemm ħsara għall-irkupru fit-tul tal-istokk, dak il-ħatt l-art jenħtieġ li jkun soġġett għal limitu annwali globali ta' 270 tunnellata, b'limitu ta' mhux aktar minn żewġ tunnellati kull xahar għal kull bastiment li jipparticipa fil-proġett. Il-lista tal-bastimenti parteċipanti kollha jenħtieġ li tiġi nnotifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.
- (10) Matul il-laqgħa intersessjonali tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) f'Marzu 2016, ġie miftiehem li l-Unjoni Ewropea talloka lill-Portugall parti mill-kapaċità tagħha ta' trobbija tal-ħut li ma tkunx intużat għall-provvista tat-tonn maqbud fis-selvaġġ għall-finijiet tat-trobbija tal-ħut. Dak jippermetti lill-Portugall li jopera farm tat-tonn fil-ġejjieni. Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi stabbilita l-provvista massima tat-tonn maqbud fis-selvaġġ li l-Portugall jista' jalloka għall-farm tiegħu.
- (11) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2072 <sup>(1)</sup> jidentifika l-istokkijiet li jinsabu flimiti bijoloġiċi sikuri fil-Baħar Baltiku. Skont l-aktar parir reċenti, l-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku jinsab flimiti bijoloġiċi sikuri. Bħala konsegwenza, jixraq li tiġi mmodifikata l-identifikazzjoni tal-limiti bijoloġiċi sikuri stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (12) Billi l-modifiki tal-limiti ta' qbid għandhom influwenza fuq l-attivitajiet ekonomiċi u l-ippjanar tal-istaġuni tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.
- (13) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2016/72 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jemendaw dak ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għaċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi, billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.
- (14) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2016/72 u r-Regolament (UE) 2015/2072 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### Emendi għar-Regolament (UE) 2016/72

Ir-Regolament (UE) 2016/72 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-verżjoni fil-lingwa Ingliża, fl-Artikolu 12(1), fir-referenza għall-ispeċi *squalus acanthias*, il-kelma "spurdog" hija sostitwita bi "picked dogfish".
- (2) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Jannar 2017 għat-trasferimenti ta' kwoti minn Parti Kontraenti tal-RFMO lill-Unjoni u għall-allokazzjoni sussegwenti tagħhom lill-Istati Membri".

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2072 tas-17 ta' Novembru 2015 li jiffissal-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1221/2014 u (UE) 2015/104 (ĠUL 302, 19.11.2015, p. 1).

(3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 48a

**Dispożizzjoni transizzjonali**

Il-paragrafi 1, 2 u 5 tal-Artikolu 10, l-Artikolu 12(2), l-Artikoli 13, 24, 25, 30, 34, 35, 36, 40, 42 u 46 għandhom ikompli japplikaw, *mutatis mutandis*, fl-2017 sad-dħul fis-seħħ tar-regolament li jiffissal-opportunitajiet tas-sajd għall-2017.”

(4) L-Anness I, IA u IV għar- Regolament (UE) 2016/72 huma emendati kif indikat fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament (UE) 2015/2072**

L-Anness tar-Regolament (UE) 2015/2072 huwa emendat kif indikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAJČÁK

## ANNEX I

## EMENDI GĦALL-ANNESSI I, IA U IV GĦAR-REGOLAMENT (UE) 2016/72

A. L-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/72 huwa emendat kif ġej:

- (1) Ma jikkonċernax il-verżjoni bil-Malti;
- (2) Ma jikkonċernax il-verżjoni bil-Malti.

B. L-Anness IA għar-Regolament (UE) 2016/72 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, Vlb u VlaN hija sostitwita b'dan li ġej:

<b>“Speċi:</b>	Aringa <i>Clupea harengus</i>	<b>Żona:</b>	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjo- nali taż-żoni Vb, Vlb u VlaN <sup>(1)</sup> (HER/5B6ANB)
Il-Ġermanja	466 <sup>(2)</sup>		
Franza	88 <sup>(2)</sup>		
L-Irlanda	630 <sup>(2)</sup>		
In-Netherlands	466 <sup>(2)</sup>		
Ir-Renju Unit	2 520 <sup>(2)</sup>		
L-Unjoni	4 170 <sup>(2)</sup>		
TAC	4 170		TAC analitika

<sup>(1)</sup> Ir-referenza hija għall-istokk tal-aringa fil-parti taż-żona Vla tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-meridjan tal-lonġitudni 7° W u fit-Tramuntana tal-linja parallela tal-latitudni 55° N, jew fil-Punent tal-meridjan tal-lonġitudni 7° W u fit-Tramuntana tal-linja parallela tal-latitudni 56° N, minbarra x-xmara Clyde.

<sup>(2)</sup> Għandu jiġi pprojbit is-sajd li jkollu fil-mira l-aringi fil-parti taż-żoni tal-ICES li hija soġġetta għal din it-TAC u li tinsab bejn 56° N u 57° 30' N, bl-eċċezzjoni tal-ilmijiet f'faxxa ta' sitt mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi tal-baħar territorjali tar-Renju Unit."

(2) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa fiż-żoni VIaS, VIIb u VIIc hija sostitwita b'dan li ġej:

<b>“Speċi:</b>	Aringa <i>Clupea harengus</i>	<b>Żona:</b>	VIaS <sup>(1)</sup> , VIIb u VIIc (HER/6AS7BC)
L-Irlanda	1 482		
In-Netherlands	148		
L-Unjoni	1 630		
TAC	1 630		

TAC analitika  
Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96  
Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

<sup>(1)</sup> Ir-referenza hija għall-istokk tal-aringa fiż-żona VIa li tinsab fin-Nofsinhar ta' 56° 00' N u fil-Punent ta' 07° 00' W.”

(3) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana fiż-żona IIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

<b>“Speċi:</b>	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	<b>Żona:</b>	IIIa (PRA/03 A.)
Id-Danimarka	3 813		
L-Iżvezja	2 054		
L-Unjoni	5 867		
TAC	10 987		

TAC analitika  
Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament”

(4) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° hija sostitwita b'dan li ġej:

<b>“Speċi:</b>	Gamblu tat-Tramuntana <i>Pandalus borealis</i>	<b>Żona:</b>	L-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N (PRA/04-N.)
Id-Danimarka	357		
L-Iżvezja	155 <sup>(1)</sup>		
L-Unjoni	512		
TAC	Mhux rilevanti		

TAC analitika  
Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96  
Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

<sup>(1)</sup> Il-qabdiel aċċessorji tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed iridu jingħaddu mal-kwoti ta' dawn l-ispeċijiet.”

(5) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona VIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

<b>“Speċi:</b>	Lingwata komuni <i>Solea solea</i>	<b>Żona:</b>	VIIa (SOL/07 A.)
Il-Belġju	10 <sup>(1)</sup>		
Franza	0 <sup>(1)</sup>		
L-Irlanda	17 <sup>(1)</sup>		
In-Netherlands	3 <sup>(1)</sup>		
Ir-Renju Unit	10 <sup>(1)</sup>		
L-Unjoni	40 <sup>(1)</sup>		
TAC	40 <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>		

TAC analitika  
Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96  
Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

<sup>(1)</sup> Esklużivament għal qabdiet aċċessorji. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

<sup>(2)</sup> Minbarra din it-TAC, l-Istati Membri li għandhom kwota għal-lingwata fiż-żona VIIa jistgħu jiddeċiedu bi qbil komuni li jallokaw total globali ta' 7 tunnelli lil bastiment wieħed jew aktar li jwettqu s-sajd xjentifiku dirett i-valutat mill-STEFC sabiex tittejjeb l-informazzjoni xjentifika dwar dan l-istokk (SOL/\*07 A.). L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw l-isem jew l-ismijiet tal-bastimenti lill-Kummissjoni qabel ma jippermettu l-ħatt l-art.”

(6) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV hija sostitwita b'dan li ġej:

<b>“Speċi:</b>	Laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Sprattus sprattus</i>	<b>Żona:</b>	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV (SPR/2AC4-C)
Il-Belġju	2 524 <sup>(1)</sup>		
Id-Danimarka	199 746 <sup>(1)</sup>		
Il-Ġermanja	2 524 <sup>(1)</sup>		
Franza	2 524 <sup>(1)</sup>		
In-Netherlands	2 524 <sup>(1)</sup>		
L-Iżvezja	1 330 <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>		
Ir-Renju Unit	8 328 <sup>(1)</sup>		
L-Unjoni	219 500		
In-Norveġja	20 000		
Il-Gżejjer Faroe	5 500 <sup>(3)</sup>		
TAC	245 000		

TAC analitika  
Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament

<sup>(1)</sup> Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-qabdiet tal-barbun komuni u tal-merlangu jistgħu jingħaddu sa mhux iżjed minn 2 % tal-kwota (OTH/\*2AC4C), sakemm dawn il-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji ta' dawg l-ispeċijiet li jingħaddu skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 b'kolloxx ma jirrappreżentawx iżjed minn 9 % ta' din il-kwota għal-laċċa kaħla.

<sup>(2)</sup> Inkluż iċ-ċiċċirell.

<sup>(3)</sup> Jista' jkun fihom sa 4 % ta' qabdiet aċċessorji ta' aringi”

(7) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-mazzola griża fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIIa hija sostitwita b'dan li ġej:

Ma jikkonċernax il-verżjoni bil-Malti

(8) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-mazzola griża fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV hija sostitwita b'dan li ġej:

Ma jikkonċernax il-verżjoni bil-Malti

- (9) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-mazzola griża fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV hija sostitwita b'dan li ġej:

<b>Speċi:</b>	Mazzola griża <i>Squalus acanthias</i>	<b>Żona:</b>	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV (DGS/15X14)
Il-Belġju	0 (1) (2)		
Il-Ġermanja	0 (1) (2)		
Spanja	0 (1) (2)		
Franza	0 (1) (2)		
L-Irlanda	0 (1) (2)		
In-Netherlands	0 (1) (2)		
Il-Portugall	0 (1) (2)		
Ir-Renju Unit	0 (1) (2)		
L-Unjoni	0 (1) (2)		
TAC	0 (1) (2)		

TAC analitika  
 Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96  
 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96  
 Japplika l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament.

- (1) Il-mazzola griża ma għandhiex tkun fil-mira fiż-żoni koperti minn din it-TAC. Meta din tinqabad b'kombinazzjoni fiż-żoni tas-sajd li fihom ma tkunx soġġetta għall-obbligu tal-ħatt l-art, ma għandhiex issirilha ħsara u għandha tinħeles minnufih. Id-dispożizzjonijiet preċedenti huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13 u 46 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom.
- (2) B'deroga, bastiment li jipparteċipa fil-programm għall-evitar tal-qabdiet aċċessorji li jkun ġie evalwat b'mod pożittiv mill-STECF jista' jħott l-art mhux iżjed minn 2 tunnelli kull xahar ta' mazzola griża li tkun mejta fil-mument meta l-irkaptu jittella' abbord. L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-programm għall-evitar ta' qabdiet aċċessorji għandhom jiżguraw li l-ammont totali annwali ta' mazzola griża li tinħatt l-art abbażi ta' din id-deroga ma jkunx jaqbeż l-ammonti indikati hawn taħt. Huma għandhom jibagħtu l-lista ta' bastimenti parteċipanti lill-Kummissjoni qabel ma jippermettu l-ħatt l-art. L-Istati Membri għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar iż-żoni ta' evitar bejniethom.

<b>Speċi:</b>	Mazzola griża <i>Squalus acanthias</i>	<b>Żona:</b>	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV (DGS/*15X14)
Il-Belġju	20		
Il-Ġermanja	4		
Spanja	10		
Franza	83		
L-Irlanda	53		
In-Netherlands	0		
Il-Portugall	0		
Ir-Renju Unit	100		
L-Unjoni	270		
TAC	270*		

TAC analitika  
 Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96  
 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96  
 Japplika l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament.

C. Fil-punt (6) tal-Anness IV għar-Regolament (UE) 2016/72, it-Tabella B hija sostitwita b'dan li ġej:

“TABELLA B

Provvista massima ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Spanja	5 855
L-Italja	3 764
Il-Greċja	785
Ċipru	2 195
Il-Kroazja	2 947
Malta	8 768
Il-Portugall	500”



## ANNEX II

## EMENDA GĦALL-ANNEX GĦAR-REGOLAMENT (UE) 2015/2072

Fl-Anness għar-Regolament (UE) 2015/2072, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Sottodiviżjonijiet 22-32 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Laċċa kaħla <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Sottodiviżjonijiet 22-32 SPR/3B23.; SPR/3C22.; SPR/3D24.; SPR/3D25.; SPR/3D26.; SPR/3D27.; SPR/3D28.; SPR/3D29.; SPR/3D30.; SPR/3D31.; SPR/3D32.
Id-Danimarka	19 958		
Il-Ġermanja	12 644		
L-Estonja	23 175		
Il-Finlandja	10 447		
Il-Latvja	27 990		
Il-Litwanja	10 125		
Il-Polonja	59 399		
L-Iżvezja	38 582		
L-Unjoni	202 320		
TAC	Mhux rilevanti		Għandu japplika l-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament. TAC analitika"

